# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 11**

**Rikors Maħluf Numru 1038/2021 NC**

**CCDL Limited (C 89840)**

**vs.**

**Emanuel Baldacchino & Co Limited (C 44700)**

Illum 28 ta' April 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi CCDL Limited (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fil-21 ta' Ottubru 2021 li jgħid hekk:

> *"1. Illi nhar it-8 ta' April 2021, il-partijiet iffirmaw ftehim illi permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti obbligat ruħha illi tipprovdi servizzi lis-soċjeta' intimata billi tassenja diversi ħaddiema sabiex jaħdmu f'siti ta' kostruzzjoni ġestiti mis-soċjeta' intimata u dan versu pagament skond ir-rati kif elenkati fl-iskeda annessa*

*mal-imsemmi ftehim kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. A';*

*2. Illi ai termini tal-imsemmi ftehim u fuq struzzjonijiet tas-soċjeta' intimata, s-soċjeta' rikorrenti assenajt diversi ħaddiema sabiex jaħdmu fis-siti ta' kostruzzjoni tas-soċjeta' intimata matul ix-xhur ta' April, Mejju u Ġunju 2021;*

*3. Illi s-soċjeta' rikorrenti ħarġet u bgħatet tlett fatturi ossia Invoices lis-soċjeta' intimata skond il-ftehim ta' bejniethom li fuq kull fattura hemm mniżżel b'mod dettaljat is-servizzi prestati lis-soċjeta' intimata. Illi dawn il-fatturi qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. B', 'Dok. Ċ', u 'Dok. D';*

*4. Illi sa mil-bidu tal-ftehim ta' bejn il-partijiet sal-lum, is-soċjeta' intimata għadha ma għamlet l-ebda pagament lis-soċjeta' rikorrenti minkejja d-diversi servizzi prestati lilha fuq struzzjonijiet tagħha. Illi l-ammont dovut lis-soċjeta' rikorrenti mis-soċjeta' intimata jammonta għal tlieta u tletin elf u disgħa u erbgħin euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (EUR 33,049.93) u dan kif muri fl-istatement hawn anness u mmmarkat bħala 'Dok. E';*

*5. Illi minkejja li s-soċjeta' intimata ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas hi baqgħat inadempenjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża. Referenza qeda ssir għall-korrispondenza ta' emails u messaġġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. F';*

*6. Illi fl-opinjoni tas-soċjeta' rikorrenti dan id-debitu huwa ċert likwidu u dovut u fl-opinjoni tagħha s-soċjeta' intimata ma għandha ebda eċċezjonijiet x'tagħti u għalhekk din il-kawża tista' tiġi deċiża abbażi tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Tgħid għalhekk is-soċjeta' intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

*1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża abbażi tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe' bid-dispensa tas-smiegħ;*

> *2. Tiddikjara lis-soċjeta' intimata Emanuel Baldacchino & Co Limited bħala debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti CCDL Limited fis-somma ta' tlieta u tletin elf u disgħa u erbgħin euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (EUR 33,049.93) rappreżentanti ħlas għal servizzi reżi minnha lis-soċjeta' intimata fuq struzzjonijiet tagħha u dan ai termini tal-ftehim ta' bejniethom datat it-8 ta' April 2021;*
>
> *3. Tordna u tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' tlieta u tletin elf u disgħa u erbgħin euro u tlieta u disgħin ċenteżmu ( EUR 33,049.93).*
>
> *Bl-imgħax mid-data ta' kull fattura u bl-ispejjeż kollha nkluż dawk tal-Ittra Uffiċjali bin-numru 1393/2021 (Dok. Ġ) kontra s-soċjeta' intimata li minn issa r-rappreżentanti tagħha jibqgħu nġunti għas-subizzjoni".*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Ottubru 2021 (*a fol.* 27) li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tal-24 ta' Novembru 2021 u fejn is-soċjeta' konvenuta ġiet ordnata sabiex tidher u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

Rat illi, minkejja li s-soċjeta' konvenuta Emanuel Baldacchino & Co Limited ġiet notifikata bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni skont Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija għażlet li ma tressaq l-ebda Nota skont Artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-ebda rappreżentant tagħha ma deher għas-seduta tallum u b'hekk għandha titqies li hija kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

**Ikkunsidrat**

Illi mir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi u mill-affidavit ta' Clayton Falzon (rappreżentant tas-soċjeta' attriċi) anness mal-istess Rikors Maħluf jingħad illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta'

attriċi fis-somma ta' tlieta u tletin elf u disgħa u erbgħin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€33,049.93) rappreżentanti ħlas għal servizzi reżi mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta fuq struzzjonijiet tagħha u dan *ai termini* ta' ftehim datat 8 ta' April 2021. Jingħad ukoll li minkejja li saru diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas, l-ammont imsemmi baqa' ma tħallasx mis-soċjeta' konvenuta u li d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u li s-soċjeta' konvenuta ma kellhiex eċċezzjonijiet validi x'jagħti għat-talbiet tas-soċjeta' attriċi. Fid-depożizzjoni mogħtija waqt is-seduta tallum minn Clayton Falzon in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi jingħad li l-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi fir-Rikors Maħluf tagħha għadu ma tħallas xejn minnu u li għadu kollu dovut.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti rat Artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smigħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, komunement magħrufa bħala bil-giljottina u tenut kont tal-fatt li l-ammont imsemmi fir-Rikors Maħluf jirriżulta li għadu dovut, il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjeta' attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti tikkonkludi illi t-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma ġustifikati *stante* illi jirriżultaw ippruvati.

Illi, dwar l-imgħax mitlub mis-soċjeta' attriċi, il-Qorti tinnota li kull fattura hija l-prova tas-servizz individwali mogħti. Għalhekk il-kwistjoni tal-pagament tal-prezz u tal-imgħax pretiż għandu jitqies fil-kuntest ta' kull fattura individwali.[1] Għalhekk l-imgħax għandu jiġi kalkulat b'mod separat mid-data rispettiva ta' kull fattura.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

[1] *Vide* **J&M Aluminium Ltd. vs. Alu. Care Mosta Limited** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Jannar 2012.

(1) Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ *ai termini* ta' Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Tilqa' it-tieni talba tas-soċjeta' attriċi billi tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta Emanuel Baldacchino & Co Limited bħala debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' tlieta u tletin elf u disgħa u erbgħin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€33,049.93) dovuta kif fuq spjegat;

(3) Tilqa' it-tielet talba tas-soċjeta' attriċi billi tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta Emanuel Baldacchino & Co Limited tħallas is-somma ta' tlieta u tletin elf u disgħa u erbgħin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€33,049.93) lis-soċjeta' attriċi bl-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) mid-dati rispettivi tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv.

Finalment, tordna li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi jitħallsu kollha kemm huma mis-soċjeta' konvenuta Emanuel Baldacchino & Co Limited.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**